MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 26/2004/1

Sydney **ELLUL SULLIVAN**

*vs*

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** u l-Avukat Ġenerali

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (aktar 'il quddiem imsejħa "l-Ewwel Qorti") fit-30 ta' Marzu, 2012, li

biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent appellant f'rikors imressaq minnu fis-26 ta' Lulju, 2004, li fih talab rimedju għaliex jgħid li ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu għal smigħ xieraq u l-preżunzjoni ta' l-innoċenza taħt l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") f'sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju, 2004 fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Sydney Ellul Sullivan*" billi sabet li r-rikorrent ma kien ġarrab ksur tal-ebda wieħed mill-jeddijiet fundamentali tiegħu;

2. Fir-rikors imressaq minnu fis-26 ta' Lulju, 2004, ir-rikorrent appellant kien talab li l-Ewwel Qorti "jogħġobha tiddikjara li ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 39 u in partikolari s-subartikolu 5 tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319), u b'hekk u konsegwentement jogħġobha tanulla u tħassar il-preċitat sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-15 ta' Lulju, 2004, fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Sydney Ellul Sullivan* billi meħuda in vjolazzjoni ta' l-istess drittijiet fondamentali tiegħu u tagħtih kull rimedju ieħor li jidhrilha xieraq u opportun";

3. Fit-Tweġiba mressqa minnhom fid-29 ta' Lulju, 2004, l-intimati appellati kienu laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent appellant billi ċaħdu li sar ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq billi qalu li l-proċeduri kienu komplikati, kien jaħti f'biċċa għalihom l-istess rikorrent li ma mexxiex il-każ tiegħu b'għaqal, u li f'kull każ, id-dewmien ma jwassalx għat-tħassir tas-sentenza iżda għall-għoti ta' kumpens. Dwar ix-xilja tal-ksur tal-jedd għall-preżunzjoni tal-innoċenza, qalu li s-sejbien ta' ħtija ma seħħx minħabba t-tħaddim ta' xi qlib tal-imsemmija preżunzjoni (l-iżjed ladarba l-biċċa l-kbira tar-reati li kien mixli bihom ma kenux reati taħt l-Ordinanza dwar id-Dwana) iżda għaliex il-qorti kompetenti waslet għal dak l-apprezzament fuq il-provi mressqa. Minkejja li, f'kull każ, il-liġi nnifisha (fil-Kap 77) tagħti li l-preżunzjoni tinqaleb f'uħud mir-reati li

tagħhom ir-rikorrent appellant instab ħati. Dwar l-ilment li huwa nstab ħati fuq provi li ma kenux ammissibbli, jgħidu li l-fehma tal-espert barrani dwar il-falsifikazzjoni tat-timbri wżati ma hijiex biss opinjoni, imma fatt li jikkostitwixxi prova ammissibbli;

4. Illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:
"*Illi l-Qorti għandha quddiemha talba sabiex jiġi iddikjarat illi ir-rikorrenti sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu relatati ma' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli ta' kawża kriminali ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Iskeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.*

"*Il-Qorti għandha ukoll talba sabiex jiġi dikjarat illi l-intimati kisru id-dritt tar-rikorrenti relatat mal-presunzjoni tal-innoċenza ai termini tal-Artikolu 39 sub-artikolu 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.*

"*Illi l-Qorti ser tibda sabiex tittratta l-allegazzjoni tal-ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.*

"*Illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid hekk :*

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi".*

"*L-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali jgħid hekk:-*

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn*

*parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja"*

"*Il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet* ***Central Mediterrranean Development Corporation Limited vs Avukat Ġenerali***[1]***,*** *deċiża fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn il-Qorti għamlet referenza għall-kawżi* ***Vocaturo vs Italy***[2] *u* ***G.H vs Austria***[3]*, fejn il-Qorti Ewropea qalet li: 'It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time". Iżda l-istess Qorti għamlet referenza wkoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fosthom Harris, O'Boyle Warbick*[4]*, u li permezz tagħha ġie ritenut li sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux raġonevoli, hemm bżonn li jiġu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:*
*(a) il-komplessita' tal-każ;*
*(b) l-imġieba tal-Qorti;*
*(c) l-imġieba ta' min ikun qed jagħmel il-lament.*
*Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ewropea, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza msemmija aktar 'il fuq*[5]*, irriteniet li l-obbligu tal-istat li jara li jkun hemm deċiżjoni finali fi żmien raġonevoli 'irid jiġi bilanċjat ma' privileġġi oħra mogħtija liċ-ċittadini. Huwa faċli li tillimita n-numru ta' l-appelli billi tgħolli l-ispiża neċessarja b'mod li ftit jkunu dawk li jkunu jistgħu jaffordjaw id-doppio esame tal-każ tagħhom, jew billi tillimita d-dritt ta' l-appell għal ċerti każijiet biss, b'mod li ċ-ċittadin jasal li jkollu ċans wieħed biss biex jitlob remedju. Għalhekk, dak li hu "żmien raġjonevoli" għad-*

[1] Rikors Numru. 21/2002/1
[2] *ECHR: 24 ta' Mejju, 1991*
[3] *ECHR: 3 ta' Ottubru, 2000*
[4] *Law of the European Convention on Human Rights*
[5] ***Central Mediterranean Development Corporation Limited*** *vs* ***Avukat Ġenerali*** deċiża nhar l-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)

*determinazzjoni ta' kawża, irid jiġi kunsidrat fid-dawl ta' drittijiet oħra mogħtija liċ-ċittadin, drittijiet li hekk kif jiġu użufruttwati jwasslu, neċessarjament, għal numru konsiderevoli ta' petizzjonijiet imressqa quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li jridu, bid-debita attenzjoni u reqqa, jiġu konsidrati minn dak it- Tribunal'.*

"*Illi l-Qorti imbagħad għaddiet biex tagħmel referenza għall-kawżi deċiżi mill-Qrati ta' Malta fejn il-lanjanza tal-attur li d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli kien inkiser ġiet akkolta. Il-Qorti semmiet id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fil-kawża fl-ismijiet* **Manduca vs Onorevoli Prim Ministru** *deċiża nhar it-23 ta' Jannar 1995, fejn ksur taż-żmien raġjonevoli ġie ravviżat meta l-Qrati kienu ħadu aktar minn ħdax-il sena biex qatgħu l-kwistjoni dwar il-kompetenza o meno tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, tul ta' żmien li dik il-Qorti iddeskriviet bħala "wieħed eċċessiv fiċ-ċirkustanzi u għalhekk aktar inġustifikat"; kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża* **Xuereb George vs Reġistratur tal-Qrati et** *deċiża fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn ġie wkoll ravviżat dewmien esaġerat u dan peress li kawża għall-esekuzzjoni ta' sentenza b'talba għall-ħruġ ta' Mandat in factum kienet damet kważi tmintax-il-sena biex tiġi deċiża.*

"*Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet* ***Ebcin v. Turkey***[6] *fejn il-Qorti rriteniet li għalkemm l-investigazzjoni għar-reat kienet bdiet 'fairly promptly and carried out against a backdrop of terrorist acts perpetrated in the name of an illegal organization', l-aggressuri ġew arrestati sitt snin wara. Il-proċeduri kontra wieħed mill-imputati ħadu aktar minn seba' snin filwaqt li l-proċeduri kontra l-kompliċi tiegħu kienu għadhom għaddejjin. Il-Qorti qalet ukoll li għalkemm l-aggressuri kienu ingħataw sentenzi ta' priġunerija fit-tul, il-fatt li l-proċeduri ħadu daqshekk fit-tul tellef mill-effettivita' tal-istess sentenza u tellef ukoll l-element ta' deterrent li proċeduri bħal dawn għandhom ikollhom. Tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-awtoritajiet tat-Turkija 'failed to*

[6] *ECHR: 1 ta' Frar 2011 (application no. 19506/05)*

*conduct effective criminal proceedings that satisfied the requirement of promptness'.*

***"**Ikkunsidrat :*

"*Illi mill-ġurisprudenza ċitata aktar 'il fuq, jidher ċar li fejn il-Qrati sabu ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan sar fejn id-dewmien, meħud kont il-vertenza, kien wieħed twil u esaġerat iżżejjed. Issa dak li trid teżamina l-Qorti huwa jekk fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ odjern, u ai termini tal-ġurisprudenza ċitata aktar 'il fuq, il-każ kienx wieħed kumpless li allura wassal għal ċertu dewmien (u jekk tali dewmien kienx ġustifikat), tevalwa l-imġieba tal-Qorti u tevalwa wkoll l-imġieba ta' min qed jagħmel il-lament. Min-naħa tagħhom l-Avukat Ġenerali, u l-Kummissarju tal-Pulizija, permezz tar-risposta taghhom[7], jikkontendu li l-każ in eżami kien wieħed kumpless li kien jinvolvi mhux biss is-smiegħ ta' ħafna xhieda (u dan fih innifsu huwa magħruf li jieħu ż-żmien tiegħu) iżda wkoll ta' eżamijiet xjentifiċi u paraguni ta' ħafna dokumenti u anke xhieda mill-esteru u perizji. Dawn il-fatturi kollha huma fatturi li minnhom innifishom jirrikjedu ċertu żmien u żgur li ma jistgħux jittieħdu b'mod leġġer. Anzi l-Qorti tirrileva li kien ikun f'każ li dawn l-istess fatturi ma jingħatawx il-piż li kien ħaqqhom għal raġunijiet ta' ħeffa u speditezza, li d-drit għal smiegħ xieraq ikun vjolat. Mill-proċess kriminali allegat mal-atti tal-kawża odjerna, jirriżulta bl-aktar mod ċar u ampju li l-volum ta' dokumenti u xhieda (inkluż dik barranija u esperta), jindika li kien bżonn ta' żmien twil, flewwel lok sabiex din l-istess evidenza tinġabar, u fit-tieni lok sabiex tiġi evalwata u finalment twassal lill-ġudikant għall-ġudizzju tiegħu. Minn evalwazzjoni tal-istess allegazzjoni tal-atti, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-Qorti Kriminali kellha volum kbir ta' provi li ġew miġbura u li għalhekk, il-ġustifikazzjoni tad-dewmien toħroġ mill-istess provi voluminużi. Il-Qorti tirrileva wkoll li għalkemm kien hemm xi talbiet għal differiment, dawn ma jammontawx għal numru kbir u għalhekk, iż-żmien hekk 'moħli' għall-istess żgur li ma jistax jitqies bħala wieħed li jilledi d-*

[7] *A fol 14*

*drittijiet tar-rikorrenti odjern (anke tenut kont tax-xogħol u l-provi li ġew miġbura fl-istess kawża).*

"*Il-Qorti trid teżamina wkoll l-allegat dewmien da parti tar-rikorrent stess. M'hemmx f'hiex wieħed jintilef, id-dewmien sabiex tiġi deċiża l-każ u li jkun attribwibbli għar-rikorrent, żgur li ma jifformax parti mit-talba ta' dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, meta tali allegata vjolazzjoni jkun ikkaġunaha hu stess. Iżda l-Qorti tħoss li l-fattur prinċipali għat-tul li ħadu l-proċeduri kriminali kien dovut għall-volum kbir ta' dokumentazzjoni u xhieda li ġew miġbura quddiem l-istess Qrati għaliex, kif diġa' kellha l-opportunita' li tiddikjara l-Qorti, għalkemm kien hemm xi talbiet għal differiment, dawn ma kienux tali li jammontaw għal raġunijiet imputabbli lir-rikorrent jew li jistgħu jiġu interpretati b'mod li l-kawża prinċipali tad-dewmien tal-proceduri kien fil-fatt l-istess rikorrent. Kif diġa' intqal, jidher ċar li l-fattur prinċipali għad-dewmien kien il-volum tax-xhieda u l-provi miġbura u d-diffikultajiet relatati mal-istess.*

"*Illi il-Qorti tinnota wkoll li permezz tal-affidavit tieghu*[8]*, r-rikorrent ma jagħti ebda ħjiel dwar kif jaħseb li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew vjolati, iżda jikkonċentra biss fuq il-fatti li diġa' ġew deċiżi b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell Kriminali.*

"*Illi għalhekk il-Qorti tara illi r-rikorrent ma sofra ebda vjolazzjoni tal-artikolu 6.*

"***Dwar l-allegat ksur tad-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrenti.***

"*Illi l-Artikolu 39 subartikolu (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid li: "Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari"*

[8] A fol. 14

"*Illi l-Artikolu 6(1)(2) tal-Ewwel Skeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:*

*"Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi"*

"*Illi r-rikorrent jibbaża t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni f'dan is-sens abbażi tal-oneru tal-prova li hija imposta fuq l-imputat ai termini tal-Artikolu 77 tal-Ordinanza dwar id-Dwana, illi jgħid illi huwa l-imputat li għandu jipprova li hu ħallas id-dazju, minflok li l-prosekuzzjoni tipprova li dak id-dazju ma tħallasx. Min-naħa tagħhom, l-intimati jikkontendu li fl-ewwel lok il-biċċa l-kbira tar-reati li nstab ħati tagħhom ir-rikorrent ma kienux jaqgħu taħt l-Ordinanza msemmija (u għalhekk l-argument tal-inverżjoni tal-allegata presunzjoni tal-innoċenza mhux applikabbli), filwaqt li għal dawk ir-reati li jaqgħu taħt l-Ordinanza msemmija, jirrilevaw li l-argument tar-rikorrent mhux ġust għaliex kull ma jagħmel l-Artikolu 77 tal-Ordinanza huwa li jpoġġi l-oneru tal-prova tal-ħlas tad-dazju fuq l-imputat wara li l-prosekuzzjoni tkun stabbiliet l-eżistenza ta' fatti u ċirkustanzi li jkunu jitolbu spjegazzjoni. Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-fatt li f'xi reati partikolari l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-imputat (u dan ai termini tat-tieni parti tal-Artikolu 39(5) ċitat aktar 'il fuq, huwa kontemplat mill-Kostituzzjoni ta' Malta stess li jiddikjara bl-aktar mod ċar li skond l-oneru ma jmurx kontra u żgur li ma hu l-ebda prova ta' ksur tad-dritt tal-bniedem tal-presunzjoni tal-innoċenza. Fuq dan l-istess argument, din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Salabiaku vs France**[9] u **Pham Hoang vs France**[10] fejn ġie stabbilit illi preżunzjoni ta' fatt ma tilledix id-drittijiet salvagwardjati mid-dritt ta' smiegħ xieraq.*

"*Illi min-naħa tiegħu r-rikorrent jikkontendi[11] li għalkemm l-istat għandu l-poter li jimponi "presumptions of fact or of law", dawn neċessarjament iridu jkunu limitati sabiex l-*

[9] *Deċiża mill-Qorti Ewropea nhar is-7 ta' Ottubru 1988*
[10] *Deċiża mill-Qorti Ewropea nhar il-25 ta' Settembru 1992*
[11] Ara n-Nota ta' Osservazzjonijiet tiegħu esebita a fol 387, b'referenza partikolari għal fol 395

*interessi tal-imputat jiġu salvagwardjati. Din il-Qorti tirrileva li anke mid-diċitura tal-ġurisprudenza ċitata mir-rikorrent stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jirriżulta li l-Qorti Ewropea tirrikonoxxi li tali inverżjoni tal-prova ma jmurx kontra d-drittijiet tal-bniedem. Il-Qorti tgħid li dan għandu jsir b'mod limitat pero' din id-dikjarazzjoni m'għandhiex tiġi interpretata b'mod wiesgħa tant li twassal għall-konklużjoni assurda li tali inverżjoni effettivament tikser id-drittijiet tal-bniedem. Il-Qorti Ewropea anzi tikkwalifika tali dritt jew poter li għandu l-istat sabiex taċċerta ruħha li l-ebda stat ma jmur oltre dawk il-parametri li huma aċċettabbli u li huma konformi mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali fi proċess ġudizzjarju. Tenut kont ta' dan kollu, u tenut kont tal-fatt li din l-inversjoni tal-oneru tal-prova hija limitata għal numru ta' reati biss u xorta waħda hemm kull possibilita' lill-imputat sabiex iressaq il-provi tiegħu fis-sens illi għandu jiġi eżonerat mill-akkużi miġjuba kontrih, il-Qorti tħoss li m'hemm ebda bażi għal xi argument fis-sens li l-Istat mar lil hinn mill-parametri msemmija mill-Qorti Ewropea.*

"*Ikkunsidrat :*

"*Illi il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Grech Sant** deċiża nhar id-29 ta' Novembru 1989 mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn il-Qorti għamlet referenza għall-insenjamenti ta' Jacobs li jgħid: "What the principle of presumption of innocence requires here is just that the court should not be predisposed to find the accused guilty and second that it should at all times give the accused the benefit of the doubt on the rule 'in dubio pro reo'".*

"*Illi il-Qorti tissottometti wkoll li, minkejja li għal dak li jirrigwarda r-reati kontemplati taħt l-Ordinanza msemmija, l-oneru tal-prova kien fuq l-istess imputat, bl-ebda mod ma jista' jingħad li r-rikorrent ma ingħatax il-benefiċċju tad-dubju msemmi fis-sentenza fil-kawża **Il-Pulizija vs Anthony Grech Sant** ċitata aktar 'il fuq f'dan il-ġudikat (u dan hu kkonfermat u vverifikat ukoll mill-atti tal-istess proċeduri kriminali).*

"*Illi l-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet* ***Allenet de Ribemont v France***[12]*, fejn il-Qorti Ewropea irreteniet li:*

"*"The presumption of innocence...will be violated if a judicial decision concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved guilty according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning suggesting that the court regards the accused as guilty... Moreover, the Court reiterates that the Convention must be interpreted in such a way as to guarantee rights which are practical and effective as opposed to theoretical and illusory... The Court considers that the presumption of innocence may be infringed not only by a judge or court but also by other public authorities"*

"*Ikkunsidrat :*

"*Illi il-Qorti tirrileva illi l-oneru tal-prova fil-kamp ċivili huwa ferm differenti minn dak applikabbli fil-kamp kriminali. F'dan l-istadju, il-Qorti tirreferi għall-kawża fl-ismijiet* ***Stella Borġ vs Joseph Cassar et*** *deċiża nhar il-25 ta' April 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn il-Qorti qalet hekk :*

"*"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli".*

"*Illi dwar l-apprezzament tal-provi (sabiex il-Qorti tasal għall-konklużjoni ta' ħtija mingħajr ebda dubju raġonevoli), il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spetturi Peter Paul Żammit u Sandro Żarb) vs***

[12] *ECHR: 23 ta' Jannar 1995*

***VICTOR GAUCI***[13] *deċiża nhar is-26 ta' Jannar 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ġie dikjarat li:*

"*Il-Qorti qatt ma tista' issib ħtija f'xi ħadd meta l-provi jistgħu jwasslu biss sal-grad tal-possibbli, jew tal-probabbli, jew in bażi ta' suspetti biss".*

"*Il-Qorti tirrileva li l-apprezzament tal-provi jaqa' taħt il-funzjoni tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-Qorti kif presjeduta m'għandhiex il-funzjoni li tkun il-Qorti tat-tielet istanza. Hija l-Qorti tal-Appell li għandha l-poter li tara u tivverifika jekk l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha jew le. Huwa f'każ li l-Qorti tal-Appell tħoss li l-ewwel Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti li l-Qorti tal-appell tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Fi ftit kliem, il-Qorti tal-Appell ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tas-sentenzi mogħtija fil-kawżi fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et***[14]*,* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi***[15]*,* ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace***[16] *u* ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***[17]*. Jirriżulta b'mod ampju li r-rikorrent ingħata kull opportunita' possibbli li jġib il-provi neċessarja sabiex jiskolpa ruħu, u dan hu evidenzjat anke mill-istess atti. Illi fid-dawl tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-presunzjoni tal-innoċenza, l-Qorti, filwaqt li terġa' tagħmel referenza għat-tieni parti tal-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni, taqbel mal-argument tal-intimati, u ċioe' li r-rikorrent, minkejja li għandu l-oneru tal-prova fuqu, għandu dejjem il-possibilita' li jressaq dik il-prova ta' ħlas, speċjalment in vista tal-fatt li l-akkuża in kwistjoni ddur fuq ħlas li kellu jsir u illi allegatament ma sarx. Għalhekk il-prova da parti tal-prosekuzzjoni, se mai il-kwistjoni hija*

---

[13] *Appell Numru 194/2000*
[14] *Deċiża nhar it-12 ta' Mejju 1994*
[15] *Deċiża nhar l-14 ta' Frar 1989*
[16] *Deċiża nhar il-31 ta' Mejju 1991*
[17] *Deċiża nhar il-31 ta' Mejju 1991*

*dejjem dik li l-imputat ma ħallasx (għaliex dak huwa r-reat kontemplat). Jekk imbagħad l-imputat iġib dik il-prova biex iwaqqa' l-argument u l-każ tal-prosekuzzjoni, allura l-istess imputat ikun irnexxielu jipprova dak li jkun qed isostni. Tenut kont tar-reati in kwistjoni (għalkemm dan b'mod parzjali stante li r-reati li tagħhom ir-rikorrent instab ħati ma kienux kollha kontemplati fl-Ordinanza msemmija), il-Qorti tikkonkludi li ma tirriżulta l-ebda vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrernti għall-presunzjoni tal-innoċenza.*

"***Dwar l-allegazzjoni li s-sentenza mertu tal-każ odjern ingħatat abbażi ta' provi mhux ammissibbli.***

"*Il-Qorti, mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-allegazzjoni tar-rikorrent (u li dwarha ma jsemmi xejn fl-affidavit tieghu*[18]*), tirrileva li din il-Qorti m'hijiex Qorti tat-tielet istanza u għalhekk, ġialadarba l-kawża hija res judicata (stante li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali), din il-Qorti m'għandha bl-ebda mod terġa' tiftaħ il-proċeduri dwar il-mertu tal-istess. F'dan l-istadju, ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq vs L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet***[19] *deċiża nhar il-11 ta' Novembru, 2008 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn saret riferenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Dr. Jose' Herrera noe vs Anthony Cassar et noe****, deċiża nhar il-5 ta' Ottubru 1992 mill-Qorti ta' l-Appell Kummerċjali fejn ġie dikjarat illi:*

"*"Sentenza li għaddiet 'in giudicato' jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq – res judicata pro veritate habetur – jiġifieri l-fundament ta' l-'actio' u ta' l-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali";*

"*Għalhekk il-Qorti, una volta ma jeżistix appell minn appell u għalhekk, il-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija waħda definittiva, tqis dik is-sentenza bħala tajba u sewwa. Għalhekk, m'hemm ebda lok għal din il-Qorti*

---

18 *A fol 34*
19 Ċitazz. Nru. 327/2007

*sabiex terġa' tiftaħ il-proċeduri kriminali li għaddew in ġudikat.*"

5. Illi b'Rikors imressaq minnu fit-18 ta' April, 2012, ir-rikorrent appella mill-imsemmija sentenza billi, għar-raġunijiet hemm b'reqqa u fit-tul imfissra, qanqal erba' aggravji:

(a) li dwar id-dewmien fis-smigħ tal-każ tiegħu, l-Ewwel Qorti ma qisitx aspetti ewlenin u ta' siwi, imma waqfet fuq id-dikjarazzjoni li l-każwa kienet waħda komplessa;

(b) li l-Ewwel Qorti stħarrġet b'mod żbaljat it-tħaddim tal-preżunzjonijiet li joħorġu mil-liġi, meta għamlet apprezzament ħażin kemm tal-fatti u kif ukoll tal-liġi;

(ċ) li l-ilment dwar is-sejbien ta' ħtija fih fuq provi mhux ammissibbli ma kienx biex l-Ewwel Qorti tagħmilha ta' "qorti ta' appell" fuq is-setgħat tal-Qorti tal-Appell Kriminali, iżda biex tistħarreġ jekk inkisirx tassew il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq billi ntużaw kontrih provi li ma kellhomx jitħallew jitressqu mill-Qorti li quddiemha tmexxa l-każ tiegħu; u

(d) li l-Ewwel Qorti naqset li tagħraf li huwa nstab ħati minn qorti li ħaddmet ir-regola tal-qlib tal-piż tal-prova għal reati fejn dik ir-regola ma kenitx tgħodd;

6. L-intimati, bi Tweġiba tagħhom tas-27 ta' April, 2012, merew kull waħda mill-erba' aggravji tal-appellant u fissru għaliex, fil-fehma tagħhom, l-appell ma jmissux jintlaqa' u li s-sentenza appellata għandha titqies tajba;

7. B'degrieti mogħtija fl-20 ta' Mejju, 2012, u t-28 ta' Mejju, 2012, saru s-surrogi meħtieġa biex din il-Qorti tkun kostitwita wara l-astensjoni ta' tnejn mill-imħallfin li kienu jagħmlu parti minnha;

8. Għalkemm l-erba' aggravji tar-rikorrent appellant imissu l-istess jedd fundamentali – jiġifieri l-jedd għal smigħ xieraq – kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-

Konvenzjoni, huwa xieraq li l-erba’ aggravji jitqiesu kull wieħed għalih;

**Fatti li joqogħdu għall-każ**

9. Jixraq ukoll li l-Qorti tagħti l-qafas tal-fatti li jgħoddu għall-każ. F’xi żmien matul l-1992, l-appellant bħala direttur ta’ kumpannija bl-isem ta’ Eloise Limited, kien inġabar mill-Pulizija biex jgħinhom fi stħarriġ li kien qiegħed isir b’rabta ma’ l-użu ta’ timbri foloz tad-Dipartiment tad-Dwana, li kien qed iwassal biex merkanzija tinħareġ minn dak id-Dipartiment bla ma jkun tħallas id-dazju fuqha;

10. Fl-1 ta’ Lulju, 1992, għall-ħabta tas-sitta ta’ filgħaxija, l-appellant ħalla stqarrija lill-Pulizija[20]. Il-Pulizija ikkonfiskat ukoll għadd ta’ dokumenti, kotba tan-negozju u diski elettromanjetiċi b’tagħrif fihom, u ’l quddiem esebiethom fil-proċeduri mnedija kontrih;

11. Fil-25 ta’ Novembru, 1992, u wara talba li saret mill-Aġent Kontrollur tad-Dwana b’ittra tiegħu tad-9 ta’ Ottubru, 1992, il-Pulizija Eżekuttiva ressqet lill-appellant taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli b’għadd ta’ reati kemm taħt il-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta) u kif ukoll taħt l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37) u tal-Att XXXI tal-1989. L-appellant kien ingħata l-ħelsien mill-arrest u, kważi kull darba li talab lill-Qorti biex tħallih isiefer minn Malta, t-talba tiegħu ntlaqgħet;

12. Kien fl-10 ta’ Lulju, 1997 li l-Avukat Ġenerali, permezz ta’ Nota, ta l-kunsens tiegħu li l-każ tal-appellant jitmexxa bi proċedura sommarja, għal liema fehma fit-23 ta’ Lulju, 1997, l-istess appellant iddikjara li ma kellux oġġezzjoni. In-Nota kienet issemmi wħud biss mir-reati li l-appellant kien inxtela bihom meta tressaq oriġinarjament quddiem il-Qorti Istruttorja;

[20] Dok “KB1”, f’paġġ. 280 – 2 tal-proċess

13. It-tressiq tal-provi ngħalaq f'Novembru tal-1999, u għalkemm id-difiża kienet għadha ma ddikjaratx li għalqet il-provi tagħha, fis-smigħ tal-24 ta' Frar, 2000, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tħalliha tressaq is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub. Fit-23 ta' Mejju tal-2000[21], il-Prosekuzzjoni ressqet in-Nota ta' Sottomsjonijiet tagħha. Id-difiża ittrattat il-każ fit-8 ta' Ġunju, 2001[22], f'liema jum il-kawża tħalliet għas-sentenza;

14. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Mejju, 2002[23], u għar-raġunijiet hemm mogħtijin, l-appellant ma nstabx ħati tal-akkużi mressqa kontrih u meħlus minn kull piena u ħtija. Il-Prosekuzzjoni appellat minn dik is-sentenza b'nota mressqa fis-16 ta' Mejju, 2002[24], u l-Avukat Ġenerali ressaq ir-Rikors tal-Appell relattiv fit-28 ta' Mejju;

15. Wara li żewġ imħallfin li quddiemhom kien assenjat l-appell astjenew milli jisimgħu l-kawża, l-ewwel smigħ effettiv tal-appell sar fl-20 ta' Jannar, 2003. Dak inhar, id-difensur tal-appellant Avukat Ġenerali ittratta l-appell. Wara żewġ differimenti mitluba mid-difiża tal-appellat, l-istess difensur tal-appellat ittratta l-każ fis-smigħ tas-26 ta' Ġunju, 2003, filwaqt li l-appellant Avukat Ġenerali għamel ir-replika waqt is-smigħ tal-11 ta' Novembru, 2003. Il-każ tħalla għas-sentenza fit-12 ta' Diċembru, 2003;

16. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza li minnha l-appellant ressaq l-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu f'din il-kawża, fil-15 ta' Lulju, 2004[25], billi rriformat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati billi ikkonfermatha fejn ma sabitx lill-appellant ħati taħt uħud mill-akkużi, imma qalbitha safejn sabitu mhux ħati taħt l-artikoli 62(f)(g)(k) u (m) tal-Kap 37 u l-artikoli 7(1) u 12(1) tal-Kap 336 u l-artikoli 184 u 308 tal-Kodiċi Kriminali. Għaddiet biex tikkundannah iħallas multa ta' erba' mija u disgħa u tmenin elf disa' mija u erbgħa u ħamsin lira

[21] Paġġ. 865 – 873 tal-atti tal-proċess kriminali
[22] Paġġ. 885 sa 892 tal-atti tal-proċess kriminali
[23] Ara paġġ. 189 sa 200 tal-proċess
[24] Paġ. 928 tal-atti tal-proċess kriminali
[25] Ara paġġ. 42 sa 73 tal-proċess

Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmi (Lm 489,954.95) li tirrappreżenta l-multa u l-ammont ta' dazju dovut bħala *levy*. Tat lill-appellant żmien ta' sitta u tletin (36) xahar biex iħallas l-imsemmija multa f'rati kull xahar, u bl-effett li l-multa tinbidel fi priġunerija f'każ li l-appellant jonqos mill-ħlas ta' mqar waħda mill-ħlasijiet ta' kull xahar;

17. L-appellant fetaħ din il-kawża fis-26 ta' Lulju, 2004;

**Dwar l-ilment tad-dewmien li ħadu l-proċeduri kriminali**

18. Fir-Rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent jisħaq li l-każ tiegħu quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u dan għaliex għal reati li kienu allegatament seħħew bejn Ottubru tal-1989 u Ġunju tal-1991, is-sentenza aħħarija ngħatat f'Lulju tal-2004. Huwa jqis li dan it-tul ta' żmien ma jistax jitqies bħala wieħed raġonevoli bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni. Huwa jgħid li dan it-tul ta' żmien, flimkien mal-fatt li l-Prosekuzzjoni kienet ikkonfiskatlu d-dokumentazzjoni u t-tagħrif tan-negozju kollu rilevanti għaż-żmien li għalih kien mixli, ċaħħditu milli jista' jressaq l-aħjar difiża għall-każ tiegħu. Minbarra dan, fir-Rikors tal-Appell tiegħu, ir-rikorrent appellant iqis li l-Ewwel Qorti ma tatx il-piż meħtieġ lill-ilment tiegħu u jgħid li din stkennet wara l-fehma li l-każ tiegħu kien wieħed kompless u komplikat li kien jitlob il-ġbir ta' ħafna provi bla ma fliet tassew kif tmexxa l-każ tiegħu u semmiet ġurisprudenza li qajla kienet tgħodd għall-każ imressaq minnu;

19. L-Ewwel Qorti ma sabitx li s-smigħ tal-każ kriminali kontra l-appellant kien ġablu ksur tal-jedd għal smigħ fi żmien raġonevoli. Hija waslet għal dik il-fehma wara li qieset li l-fattur ewlieni kien il-"volum kbir ta' dokumentazzjoni u xhieda li ġew miġbura quddiem l-istess Qrati";

20. Din il-Qorti jidhrilha li l-ilment tal-appellant m'huwiex mistħoqq u, wara li qieset il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u rat l-atti rilevanti tal-proċedimenti taħt eżami, issib li għandha taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti;

21. Mingħajr ma għandha għalfejn ittenni l-prinċipji li ssemml s-sentenza appellata u li llum huma aċċettati minn kulħadd, din il-Qorti ma tistax taċċetta l-ilment tal-appellant biss billi tqis it-tul taż-żmien li għadda bejn meta tressaq b'arrest u meta l-każ inqata' b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa minnu li mqar jekk persuna mixlija b'reat tinħeles minn kull akkuża, xorta waħda tista' tressaq ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq talli l-każ tagħha jkun ħa ħafna żmien biex intemm[26], iżda dan il-kejl irid tabilfors jittieħed fil-qafas tal-proċediment kollu u b'qies taċ-ċikorstanzi li sejrin jissemmew hawn taħt;

22. Il-qies tad-dewmien fit-tmexxija ta' proċedura quddiem qorti għall-finijiet ta' lment ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, jitkejjel fuq tliet konsiderazzjonijiet – (i) il-komplessita' tal-każ, (ii) l-imġiba ta' min ikun qed iressaq l-ilment u (iii) s-sehem tal-awtoritajiet konċernati fid-dewmien – li ma' l-aħħar waħda minnhom illum jitqies ukoll (iv) is-siwi ta' dak li l-parti għandha x'titlef u tirbaħ mill-każ tagħha quddiem il-qrati;

23. Meta wieħed iqiegħed iċ-ċirkostanzi tal-każ u ż-żmien rilevanti għall-ilment tal-appellant, u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq imsemmija, wieħed ma jistax jasal għall-fehma li kien hemm dewmien mhux ġustifikabbli fis-smigħ tal-każ tiegħu. Iż-żmien meħud biex effettivament il-każ twassal għall-għoti tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienx wieħed li jaqbeż iż-żminijiet li normalment wieħed jistenna f'dak l-istadju tal-proċeduri u fil-qafas tal-għadd ta' każijiet li jinstemgħu minn dik il-Qorti. Iċ-ċirkostanzi kollha juru li, safejn il-Qorti kienet kostitwita kif imiss, ħadet ħsieb li tmexxi l-każ b'għaqal u b'ħeffa li tat liż-żewġ partijiet iż-żmien xieraq u minnhom mitlub biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom. Iż-żmien li ħadet il-Qorti biex tat is-sentenza jaqa' wkoll fil-parametri ta' żmien raġonevoli mistenni. Minbarra dan, fl-ebda parti mis-sottomissjonijiet tal-appellant ma jsemmi li d-dewmien

[26] K. Reid _A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights_ (3rd Edit), par IIA-136, paġ. 162

li minnu jilminta kien jirreferi għaż-żmien li l-każ tiegħu kien qiegħed fl-istadju tal-appell, iżda jirreferu kollha kemm huma għaż-żmien li l-kawża kienet qiegħda titmexxa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

24. Għalkemm l-appellant jixħet ħafna mill-ħtija ta' dak li jħoss li huwa dewmien inġustifikat fuq il-Prosekuzzjoni, eżami xieraq tal-atti tal-kawża juri li r-rejalta' kienet iżjed minn hekk. Il-każ tal-appellant kien qiegħed jitmexxa fil-qafas ta' azzjonijiet ġudizzjarji oħrajn marbuta mal-istess fatti; l-imsemmija azzjonijiet kienu jinvolvu indaġni f'għadd kbir ta' dokumenti dipartimentali fejn kellhom x'jaqsmu bosta nies, mhux biss minn ħdan id-Dipartiment tad-Dwana, imma wkoll minn barra; il-proċedimenti kienu qegħdin jitmexxew quddiem qrati presjeduti minn ġudikanti differenti; ħafna miż-żmien ittieħed biex intemm it-tiftix li kellu jsir biex jitlestew ir-rapporti tal-esperti mqabbda mid-Dipartiment; ħareġ ukoll li l-provi mressqa (li l-appellant iqis li bosta minnhom kienu irrilevanti għall-każ tiegħu u servew biex itawlu bla bżonn is-smigħ tal-każ tiegħu) kienu meħtieġa għall-Qrati u ntużaw minnhom biex jaslu għall-fehmiet tagħhom fis-sentenzi mogħtija, minkejja li l-konklużjonjiet ma kenux l-istess;

25. Għalhekk, dan l-ilment tal-appellant m'huwiex tajjeb u mhux sejjer jintlaqa';

## Dwar l-ilment għall-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza u l-qlib tal-piż tal-prova.

26. L-appellant isejjaħ dan l-ilement tiegħu bħala l-"argument ewlieni" tiegħu. Hu fassal dan l-ilment tiegħu fuq żewġ kawżali. Fl-ewwel waħda, qal li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ġabet fix-xejn il-prinċipju li huwa dejjem kellu jitqies innoċenti sakemm jinstab ħati. Fit-tieni waħda, qal li nkiser il-prinċipju li, f'każ ta' dubju, dan għandu jmur favur il-parti akkużata u mhux kontrih. Huwa qal li dawn iż-żewġ prinċipji jibqgħu fis-seħħ ukoll meta l-liġi tistabilixxi l-qlib tal-piż tal-prova, li, madankollu, dejjem iżomm bla mittiefes il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Jixli lill-Qorti tal-Appell

Kriminali li bniet is-sentenza tagħha fuq sensiela ta' preżunzjonijiet li marru lil hinn mill-bilanċ li kellu jinżamm bejn il-qlib tal-piż tal-prova u l-ħarsien tal-jedd fundamentali msemmi. Żied jgħid ukoll li, minkejja li l-liġi speċjali kienet taħseb għall-qlib fil-piż tal-prova, kien jibqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni l-piż li turi kif imiss l-intenzjoni tal-parti akkużata, liema ċirkostanza l-Qorti tal-Appell Kriminali huwa jisħaq li naqset milli tapplika fil-każ tiegħu. Fir-Rikors tiegħu tal-appell, iżid jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tanalizża sewwa l-ilment tiegħu kemm mill-aspett fattwali u kif ukoll minn dak tad-dritt u jgħid li m'għarfitx tiddistingwi l-kwestjoni li kellha quddiemha. Huwa jisħaq li, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ma kienx f'qagħda li jwettaq l-obbligu mqiegħed fuqu mill-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ma sata' qatt ikollu smigħ xieraq b'ħarsien tal-prinċipju tal-preżunta innoċenza tiegħu;

27. L-Ewwel Qorti qieset li dan l-ilment tal-appellant ma kienx mistħoqq u dan għaliex sabet li l-qlib tal-piż tal-prova ta' fatti f'xi reati maħsub mil-liġi ma jmurx la kontra l-Kostituzzjoni u lanqas kontra l-Konvenzjoni. Sabet ukoll, bla ma terġa' tidħol fl-apprezzament li kien jikkompeti lill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-għoti tas-sentenza attakkata, li l-appellant ma weriex kif u għaliex tħaddmet ħażin bi ħsara għalih il-preżunzjoni tal-innoċenza;

28. Din il-Qorti tagħraf li l-preżunzjoni tal-innoċenza tfisser, fost l-oħrajn, li l-piż tal-prova jaqa' ġeneralment fuq il-prosekuzzjoni[27]. Madankollu, dan ma jfissirx li **f'kull każ** il-piż tal-prova irid ikun biss fuq il-prosekuzzjoni. L-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u kif ukoll l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni tagħna jagħrfu dan, f'tal-aħħar b'mod espress permezz ta' *proviso*. L-artikoli msemmija ma humiex kontra li xi liġi tistipula għal preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt li jaħdmu kontra l-persuna mixlija. Iżda huwa mistenni li l-Istat jillimita tali preżunzjonijiet b'mod raġonevoli li jieħu qies tas-siwi ta' dak li l-każ jinvolvi u tal-jeddijiet tad-difiża xierqa[28]. Fost tali preżunzjonijiet li tqiesu li ma jmorrux kontra l-imsemmija artikoli ġiet

[27] Q.E.D.B. **6.12.1988** fil-kawża ***Barbera', Messegue' & Jabardo vs Spanja*** (Applik. Nru. 10590/83) par. 77
[28] Ara Q.E.D.B. **7.10.1988** fil-kawża ***Salabiaku vs Franza*** (Applik. Nru. 10519/83) par. 27-8

identifikata dik fejn direttur ta' kumpannija jitqies ħati ta' offiża mwettqa mill-kumpannija li tagħha huwa direttur[29];

29. Dan għalhekk ifisser li, sakemm is-sejbien ta' ħtija jkun jidher li nstilet mill-eżistenza ta' xhieda probativa fl-atti proċesswali, l-imsemmija preżunzjoni tal-innoċenza ma titqiesx mittiefsa, ukoll jekk tali xhieda tkun indiretta;

30. Filwaqt li l-appellant jagħmilha ċara għal aktar minn darba li huwa bl-ebda mod ma qiegħed iqanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-liġi dwar il-qlib tal-piż tal-prova, jilminta mill-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tatx każ tal-fatt li, minħabba t-timbri foloz li allegatament intużaw fuq il-fatturi tiegħu, hu ma kienx f'qagħda li jwettaq il-piż tal-prova mistenni minnu li jipprova li sar il-ħlas. Jgħid ukoll li dik il-Qorti wriet attitudni preġudikata kontrih b'assoċjazzjoni ma' każijiet oħrajn. Jgħid li lanqas l-Ewwel Qorti, fis-sentenza issa minnu appellata, ma tat qies sewwa ta' dan il-fattur importanti;

31. Din il-Qorti fliet sewwa l-atti tal-kawża u ssib li l-appellant qiegħed effettivament jipprova jwassalha biex tistħarreġ il-mertu deċiż u biex tippronunċja ruħha fuq l-istess mertu li kien jaqa' biss fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali. Għall-kuntrarju, u kif sejjer jingħad 'il quddiem, huwa biżżejjed li din il-Qorti tara jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kellhiex quddiemha l-evidenza probativa li ssemmi fis-sentenza impunjata biex tqis jekk dik il-Qorti aġixxietx fil-parametri tas-setgħat tagħha u tatx deċiżjoni li wieħed raġonevolment kien jista' jasal għaliha fid-dawl ta' dawk il-provi. Huwa evidenti li, ladarba l-appellant m'huwiex qiegħed jattakka s-siwi tal-liġi, l-ilment tiegħu għandu jitqies bħala kritika tal-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali applikat il-preżunzjoni fis-sentenza impunjata. Hawn jerġa' jingħad li dan jidher li huwa tentattiv ieħor tal-appellant biex din il-Qorti tistħarreġ il-mertu nnifsu tas-sentenza impunjata u mhux tassew fuq l-aspett tal-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza li fuqu jrid jibni l-ilment tiegħu;

---

[29] KummE.D.B.**10.12.1991** fil-kawża ***AG vs Malta*** (Applik. Nru. 16641/90)

32. Illi l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali għażlet, skond l-appellant, li tislet fehma fuq il-provi li kellha quddiemha li biha sabitu ħati, ma jwassalx b'daqshekk għall-konklużjoni li dik il-Qorti kisret il-jedd tiegħu taħt l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Il-fatt li x-xhieda setgħet tiġi interpretata mod ieħor jikkostitwixxi ċirkostanza li, fil-parametri tas-setgħat li kellha fi ħdanha l-Qorti tal-Appell Kriminali, setgħet twettaq fil-ħarsien sħiħ tal-legalita' u l-ħaqq. Naturalment, kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali fehmet il-provi li kellha quddiemha fis-sens li jrid l-appellant kieku dawn il-proċeduri ma nbdew qatt. Imma dan huwa sewwasew dak li din il-Qorti trid iżżomm 'il bogħod minnu, u jiġifieri, ma tridx tqis jekk is-sentenza fil-mertu marritx kif l-appellant xtaq, imma jekk is-sentenza turix li l-ġudikant naqas li jħares il-jeddijiet fondamentali tiegħu fl-għoti b'dak il-mod tas-sentenza attakkata;

33. Din il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll li jirriżulta li ma kienx minnu li l-appellant kien imfixkel milli, bil-mezzi xierqa, jwettaq dak li kien jitlob minnu l-artikolu 77 tal-Kap 37. Dan tgħidu għaliex is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitux ħati tal-akkużi li kellu kontrih, minkejja li hu kellu dak il-piż. Iżda l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali qalbet dik is-sentenza ma jġibx li l-appellant tqiegħed fl-impossibilita' li jwettaq aktar dak il-piż, iżjed u iżjed meta wieħed jara li, fl-istadju tal-appell, il-Qorti li kienet qiegħda tisma' dak l-appell ma semgħet jew talbet l-ebda prova oħra mill-partijiet;

34. Għal din il-Qorti dan kollu jfisser li l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienu eżerċizzju ta' razjoċinju fuq il-fatti u l-provi miġbura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha għażla. L-għażla għamlitha u immotivatha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, allura, jsegwi li ladarba dik il-Qorti kellha għażla u għamlitha, mela ma huwiex il-każ li jingħad li l-morsa tal-qlib tal-piż tal-prova xejnet il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-appellant, sakemm m'huwiex qiegħed jgħid li, bl-appell u mingħajru, t-triq waħdanija li kellha l-Qorti tal-Appell kienet li tikkonferma s-sentenza appellata mill-Avukat Ġenerali;

35. Jidher, għalhekk, li dak li l-appellant iqis bħala preżunzjonijiet applikati kontrih inġustament mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienu, fis-sewwa, konklużjonijiet li dik il-Qorti waslet għalihom mill-atti proċesswali li kellha quddiemha. Huma konklużjonijiet li setgħu raġonevolment jittieħdu, u din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma ssib xejn fit-teħid tagħhom li kien mhux raġunat (u dan jingħad lil hinn minn jekk din il-Qorti taqbilx jew le mal-mertu ta' dak ir-raġunament). Dwar dan l-aspett partikolari u biex ma ttawwalx aktar minn kemm meħtieġ, din il-Qorti tirreferi għal sentenza tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Ġunju, 2008[30], li fiha konsiderazzjonijiet ta' siwi meta stħarrġet ilment li jixxiebah ma' dan u li din il-Qorti tagħmilhom tagħha[31];

36. Meta wieħed iqabbel l-imsemmija konsiderazzjonijiet mal-osservazzjonijiet ta' dritt li taħthom jinsabu mfissra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni, il-konklużjoni li tasal għaliha din il-Qorti hija li l-appellant ma seħħlux juri li, fil-każ partikolari, seħħ ksur tal-jedd tiegħu li jitqies innoċenti sakemm instab ħati;

37. Għalhekk, lanqas it-tieni aggravju tal-appellant mhu sejjer jintlaqa';

**Dwar l-ilment li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ibbażata fuq provi mhux ammissibbli.**

38. Dwar dan l-aggravju l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti qatgħet linja għad-dritt billi waqfet fuq il-kostatazzjoni li ladarba l-liġi ma tagħtix appell minn appell, allura ma hemm xejn li jwassal biex hija terġa' tiftaħ mill-ġdid proċeduri li saru ġudikat. Huwa jgħid li jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali sabet ħtija fih, dan kien fuq provi li ma messhomx kienu parti mill-atti għaliex inkisbu minn wara dahar il-Qorti;

[30] Fil-kawża fl-ismijiet ***Andrew Ellul Sullivan et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** par 27 sa 41
[31] L-appellant ukoll jirreferi għaliha fis-sottomissjonijiet imressqa minnu, f'paġġ. 405 – 7 tal-proċess

39. Fir-rikors promotur, l-appellant kien fisser dan l-ilment fis-sens li l-Qorti tal-Appell Kriminali straħet fuq prova li tressqet mill-Prosekuzzjoni biss u jiġifieri fuq prova *ex parte* meta r-regoli tal-proċedura kriminali jitolbu li prova bħal din ma tkunx tgħodd. Min-naħa tagħhom, l-intimati appellati jgħidu li ma kienx minnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali qagħdet biss fuq dik il-prova, u li f'kull każ, il-prova li minnha jilminta l-appellant ma kenitx irregolari;

40. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju. Fl-ewwel lok, il-kwestjoni tas-siwi tal-provi dwar il-falsita' tat-timbri inkriminanti kienet waħda li l-partijiet iddibattew fis-sottomissjonijiet estensivi tagħhom kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fit-tieni lok, ma ħariġx li matul is-smigħ tal-każ quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali, d-difiża qatt qanqlet il-kwestjoni tal-inammissibilita' tal-imsemmija provi jew iċċaħħdet minn kull għodda mogħtija lilha mil-liġi biex tistħarreġ u tattakka kull prova li ressqet il-prosekuzzjoni. Fit-tielet lok, il-Qorti taqbel mal-intimati appellati meta jgħidu li ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-Qorti tal-Appell Kriminali qagħdet biss fuq dik il-prova: għalkemm kienet prova mhux traskurabbli, jidher li l-Qorti tal-Appell Kriminali sawret il-fehmiet u konvinzjoni tagħha fuq provi oħrajn li l-appellanti lanqas f'dawn il-proċeduri ma qiegħed jilminta minnhom;

41. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ssib li ma jistax jingħad li l-proċediment kontra l-appellant xellef il-garanzija tal-ħarsien għal smigħ xieraq u lanqas ma joħroġ li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali iġġib ksur tal-istess jedd. Għal dawn ir-raġunijiet, lanqas dan it-tielet aggravju ma huwa sejjer jintlaqa';

**Dwar ir-reati taħt il-Kodiċi Kriminali li dwarhom is-sentenza applikat il-preżunzjonijiet tal-Liġi dwar id-Dwana.**

42. L-aħħar aggravju tal-appellant jinbena fuq it-tielet kawżali mressqa minnu rir-rikors promotur. F'dik il-kawżali huwa jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali tefgħet f'keffa waħda l-akkużi kollha li kien mixli bihom kemm taħt l-Ordinanza dwar id-Dwana u kif ukoll taħt il-Kodiċi Kriminali, u filwaqt li applikat it-tħaddim tar-regola tal-qlib tal-provi permessa fl-Ordinanza, sabet xorta waħda ħtija fih ukoll taħt xi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali fejn dik ir-regola ma tistax titħaddem. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali bdiet bl-inverżjoni tal-prova taħt l-artikolu 77 tal-liġi dwar id-Dwana u baqgħet sejra bl-applikazzjoni ħażina tal-preżunzjoni u sabitu ħati ta' reati taħt il-Kodiċi Kriminali li ma jippermettux l-inverżjoni tal-provi jew l-użu ta' preżunzjonijiet kontra l-imputat. Huwa jgħid li, skond il-Qorti tal-Appell Kriminali, b'dan il-mod, il-Prosekuzzjoni ġiet li ma kellha tipprova xejn u li l-piż tal-provi waqa' kollu fuqu;

43. Qari tas-sentenza nnifisha mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali[32] turi li dik il-Qorti iddikjarat espressament li għar-reati li dwarhom kien mixli r-rikorrent appellat, "japplikaw ir-regoli ġenerali tal-grad tal-prova li l-liġi timponi fuq il-prosekuzzjoni bla ma tisposta l-oneru tal-prova fuq l-appellat ad distinzjoni tal-liġi tad-Dwana fejn japplika l-artikolu 77 kif ġja rajna". Dan juri li, kontra dak li minnu jilminta l-appellant, ma huwa minnu xejn li l-Qorti tal-Appell Kriminali għaġnet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reati kollha f'ħaġa waħda bħallikieku din id-distinzjoni m'għamlithiex. Dan ifisser ukoll li, fil-konsiderazzjonijiet ta' dik il-Qorti, meta kienet qiegħda tevalwa u tiżen il-provi li kellha quddiemha fl-atti tal-proċeduri kriminali, dik il-Qorti kienet iddikjarat li m'hijiex sejra tuża kejl wieħed għaż-żewġ għamliet ta' reati li r-rikorrent appellant kien mixli taħthom. Kemm hu hekk, meta l-Qorti tal-Appell Kriminali fliet, wieħed wieħed, ir-reati kontemplati mill-Kodiċi Kriminali li bihom kien mixli l-appellat, jidher li wżat il-kejl tal-piż tal-prova mistenni taħt il-Kodiċi u mhux dak li jgħodd għar-reati l-oħrajn taħt l-

[32] Ara s-sentenza fil-parti intestata "*Reati taħt il-Kodiċi Kriminali*"

Ordinanza. U sewwasew għaliex m'użatx l-istess kejl li sata' jintuża għar-reati taħt l-Ordinanza, fil-każ ta' wħud mill-akkużi ħelset lill-appellat minn kull ħtija taħthom. Jekk sabet ħtija fl-appellant taħt xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, dik il-Qorti qalet għaliex u ma jidhirx li nqdiet bil-preżunzjonijiet tal-artikolu 77 tal-Ordinanza;

44. Għal din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, kull eżami ieħor lil hinn minn din il-konsiderazzjoni ewlenija mibnija fuq konsiderazzjoni espressa ta' dik il-Qorti tkun qiegħda sservi biss bħala stħarriġ mill-ġdid tas-siwi tal-operat tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq il-mertu maqtugħ minnha. Dan ir-rikorrent appellant ukoll jgħid li jaqbel li m'għandux isir u ma jridux isir;

45. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li lanqas dan l-aggravju huwa tajjeb u sejra tiċħdu;

**Deċiżjoni**

46. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddisponi mill-appell imressaq mir-rikorrent Sydney Ellul Sullivan billi **tiċħad l-istess appell** u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, **bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------